## DIEQ

*Kont tifel ċkejken f'art strangiera u kiebi*
*immur l-iskola b'swied il-qalb, imnikket,*
*bħal għoqda nħoss taqfilli leħni, kliemi . . .*
*Hiemed, imbikkem, sewda ħsibijieti,*
*nara jilagħbu t-tfal bla ħsieb, ferħana,*
*nistaħba wara bieb jew siġra w nibki . . .*
*Kont bekk għax miet missieri fl-Art għaziza,*
*Malta w ħalliena l-bogħ'd waħedna, ltiema*
*ġo art għariba bekk bħal turufnati . . .*
*Hieni kont jien w inkwiet bħal itfal l-oħra,*
*nagħti b'idejja, niġri, naqbez, nogħla,*
*sa dak il-jum . . . Kont ġej ferħan ml-iskola,*
*niġri mat-taraġ ngħajjat 'l ommi tiftaħ . . .*
*Kienet waħedha ħdejn it-tieqa, msammra*
*ħarstha fil-bogħ'd w ilmaħt f'xofftejha rogħda,*
*u ftit demgħat nezlin bil-mod f'ħaddejha . . .*
*Tbissmet kif ratni w bdiet tgħannaqni, tbusni,*
*riedet taħbili l-għali kbir ta' qalbha,*
*iżda nfexxet u bkiet u bkejt jien magħha . . .*
*Qaltli: "Toni, tibkix, jinsab fis-Sema*
*missierek . . . miet il bogħod . . . ħalliena wħedna" . . .*
*Minn dak inhar insejt ħlewwiet zgħoriti,*
*insejt it-tfal, insejt il-logħ'b u kiebi*
*immur u niġi mill-iskola għal dari,*
*ninxeħet minnufih fil-ħoġor t'ommi,*
*nibku w nitolbu bir-rużarju għall-mejjet . . .*

Ramle — Israel — Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.

## IL-HAKEM

*Moħbi wara l-purtiera, ħdejn it-tieqa,*
*ħarstu msammra fix-xemx li saret sewda,*
*waqt li mill-bogħ'd tal-mislubin qed jisma'*
*l-għajjat Pilatu,*

*Jonfoħ ġo sidru nifs ta' dieq u biża',*
*moħħu mitluf ġo ħsibijiet waħxija,*
*jidher f'għajnejh wiċċ il-Mislub li hu ħakem,*
*Bniedem bla ħtija . . .*

*Jaqbdu bħal ġenn . . . idur, idur mal-kamra,*
*jisma' t-twerżieq tal-lhud jitolbu mewtu,*
*ħsejjes ta' swat, ħartiet u daqq ta' mrietel*
*idamdmu f'moħħu . . .*

*Jilmaħ Barabba, jilmaħ Kajfa, Erodi,*
*f'żifna ta' xjaten qalb tvenvin ta' rwiefen,*
*jidħku, jifirħu, jobżqu w iżebilħu*
*in-Nazzarenu . . .*

*Jaħbi wiċċu fl-imħadda . . . jqum . . . jitqalleb . . .*
*jitlob mistrieħ għad-dieq li rabat moħħu*
*bħal klil ta' xewk . . . Iħoss jagħfas fuq dahru*
*bħal zokk ta' siġra . . .*

*Sejjaħ irsir iġiblu buqar ilma*
*Pilatu w beda f'rogħda jaħsel, jogħroq*
*idejh . . . jaħsel u jogħroq . . . Fl-istess siegħa,*
*wil-jum . . . kull sena,*

*baqa' Pilatu idejħ jogħroq ġo l-ilma*
*aħmar bid-demm u Wiċċ bix-xewk imkellel*
*jidher fil-mewġa jħares lejħ bħal jitlob*
*il-ħaqq ta' mewtu . . .*

Ramle — Israel

Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.

## ~~SAQAJN IMBERRHIN~~

~~*Saqajn imberrħin*~~
~~*ta' żagħżugħ*~~
~~*fqir . . . għani*~~
~~*bilqiegħda mistrieħ*~~
~~*fuq il-magħqad artab*~~
~~*ta' xarabank . . .*~~

~~*Jien tifel il-faqar;*~~
~~*daqs il-għani l-jedd*~~
~~*nagħti bil-ħarta.*~~
~~*Fil-misraħ tar-raħal*~~
~~*ksibt in-nifs tal-ħelsien*~~
~~*fil-għajta mgħaddba għalik.*~~

~~*Min int għalija*~~
~~*ħlief il-JIEN?*~~
~~*Nifsek x'jiswa għalija*~~
~~*ħlief intiena moqżieża?*~~
~~*Demmek x'inhu għalija*~~
~~*ħlief tixrid aħmar?*~~

~~*Jien tifel il-faqar:*~~
~~*fil-qawwa ta' driegħi*~~
~~*għani daqs il-għonja;*~~
~~*flusi muftieħ tad-deheb*~~
~~*jaqbel għal kull qofol,*~~
~~*intiegħem il-jedd ta' serħan qalbi.*~~